TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 94/14-F

**Elizabeth Pace**

**vs**

**Optical CCSG Ltd.**

Illum 29 ta' Diċembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-5 ta' Mejju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), rappreżentanti prezz ta' nuċċali tax-xemx, kif ukoll kien tal-vista sabiex jagħmlu vit fis-sieq tan-nuċċali.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għall-ewwel seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi kienet xtrat nuċċali tax-xemx u tal-vista għall-prezz ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), u illi kienet ħaditu għand is-soċjeta' ntimata għax kellu bżonn vit fis-sieq tan-nuċċali peress illi kien waqgħalha. Meta ħaditu lura d-dar u fetħitu, inqasmet is-sieq tan-nuċċali.

L-intimat issottometta bil-miktub illi d-disinn tan-nuċċali nnifsu kien wieħed b'saħħtu u bl-ebda mod ma seta' inkiser bħala riżultat ta' tibdil ta' vit.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata sewwiet in-nuċċali bi prezz baxx ħafna.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tletin ewro (€30), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888